# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 77/19/1 ISB**

**B. Grima & Sons Ltd. (C – 34602)**

**v.**

**L-Avukat Tal-Istat (ġjà Avukat Ġenerali skond il-verbal tat-23 ta' Jannar 2020), u b'digriet fil-verbal tat-13 ta' Ġunju, 2019 ġiet imsejħa fil-kawża Concorde Developments Ltd. (C – 38024)**

1. Dan huwa appell tal-kumpannija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fid-9 ta' Frar, 2022 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tagħha ta' lment ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha li tingħata smigħ xieraq kemm taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u kif ukoll taħt l-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Dik is-sentenza ngħatat wara li din il-Qorti, b'sentenza mogħtija minnha fil-25 ta' Frar, 2021, kienet laqgħet appell imressaq mill-istess kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") minn sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-22 ta' Diċembru, 2019, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra kienet laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat imqajma minn kull waħda mill-partijiet intimati, u bagħtet l-atti tal-kawża lura lil dik il-Qorti biex tissokta bis-smigħ tal-kawża;

2. Dak li wassal lill-appellanti biex fetħet din il-kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali jaf il-bidu tiegħu f'kawża li l-kumpannija msejħa fil-kawża (minn issa 'l hemm imsejħa "Concorde") kienet fetħet kontra l-appellanti fl-14 ta' Ġunju, 2011[1] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. B'digriet mogħti waqt is-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2011[2] u fuq talba tal-avukat li kien qiegħed jidher għal Concorde, dik il-Qorti ordnat it-tneħħija mill-atti tal-kawża tar-Risposta Maħlufa li l-appellanti kienet ressqet jum wara ż-żmien ta' għoxrin (20) jum mogħti lilha mill-Artikolu 158(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tressaq il-kontestazzjoni tagħha għall-azzjoni ta' Concorde. Dik il-kawża (minn issa 'l hemm imsejħa "il-kawża ċivili") mxiet bl-appellanti titqies bħala kontumaċi, u bil-kundanna tagħha minn dik il-Qorti b'sentenza mogħtija fit-2 ta' Ottubru, 2012, biex

[1] Rik. Nru. 572/11MCH
[2] Paġ. 10 tal-proċess tar-Rik. 572/11MCH

tħallas lil Concorde is-somma ta' erbgħa u tmenin elf mija u wieħed u tletin ewro (€84,131) bħala danni likwidati minħabba nuqqas ta' twettiq u abbandun ta' appalt miftiehem bejniethom. Dik is-sentenza ordnat ukoll li, fuq is-somma li l-appellanti kienet kundannata tħallas, kellu jgħaddi mgħax mit-12 ta' April, 2012, u l-appellanti tgħabbiet ukoll bil-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża. L-appellanti kienet appellat minn dik is-sentenza. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017, dak l-appell intlaqa' f'parti minnu billi l-ammont ta' danni likwidati li l-appellanti kellha tħallas lil Concorde tnaqqas għal sebgħa u erbgħin elf, tmien mija u wieħed u għoxrin ewro (€47,821) u l-imgħax kellu, minflok, jibda għaddej minn dakinhar li ngħatat is-sentenza mill-ewwel Qorti. Mill-bqija, l-appell ma kienx milqugħ – magħduda dik il-parti fejn l-appellanti appellat mid-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2011, li ordna t-tneħħija tar-Risposta Maħlufa mill-atti tal-kawża u qiegħdet lill-appellanti fi stat ta' kontumaċja. L-appellanti ressqet proċedura ta' Ritrattazzjoni għall-għanijiet tal-Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, imma b'sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2018, il-Qorti tal-Appell, għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet dik it-talba;

3. F'din il-kawża, l-appellanti tgħid li hija ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq matul il-kawża ċivili kemm bl-għoti tad-digriet li bih il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ordnat it-tneħħija tar-Risposta Maħlufa tagħha mill-atti tal-kawża (għaliex tgħid li b'hekk tneħħielha l-jedd li tiddefendi l-

każ tagħha) u kif ukoll għaliex tgħid li l-Qorti li quddiemha kienet qiegħda tinstema' l-kawża ċivili ma tathiex l-opportunita` li ssaffi jew tiġġustifika l-kontumaċja li nġabet fiha bit-tneħħija mill-atti tal-imsemmi att ġudizzjarju. Għalkemm ma jingħadx b'mod speċifiku fir-rikors promotur, l-appellanti tgħid li ġarrbet ksur ukoll tal-imsemmi jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq bis-sentenzi li tat il-Qorti tal-Appell – kemm dik tas-27 ta' Jannar, 2017 u kif ukoll dik dwar it-talba għar-ritrattazzjoni tat-2 ta' Marzu, 2018 – fl-appell imressaq mis-sentenza tal-ewwel Qorti fil-kawża ċivili, meta tenniet li l-appellanti ma kinitx ressqet provi li juru li hija kienet talbet titħalla ssaffi l-kontumaċja tagħha[3];

4. Fis-sentenza appellata f'din il-kawża, l-Ewwel Qorti sabet li l-appellanti kienet tassew naqset li titlob li titħalla tressaq provi biex tiġġustifika l-kontumaċja u lanqas li l-Qorti fil-kawża ċivili kienet ċaħħditha mill-fakulta` li tagħmel dan. Minħabba f'hekk, waslet għall-fehma li l-appellanti ma ġarrbet l-ebda ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq fl-ebda waqt tal-imsemmija kawża ċivili;

5. Biex l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Illi fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Frar 2021 saret esposizzjoni tal-fatti b'mod qasir imma preciz, u ghalhekk din il-Qorti ser tirriproduci dik il-parti tas-sentenza msemmija (para 2) biex taghmilha taghha ukoll.*

[3] Ara §5.5 tar-Rikors tal-Appell f'paġġ. 199 – 200 tal-proċess

*“2. Il-fatti prinċipali li wasslu għal din il-kawża huma:*

*2.1 Fil-kawża Concorde Development Ltd vs B. Grima & Sons Limited (Rikors 572/2011) il-kumpanija konvenuta (illum attriċi) ippreżentat tweġiba ġuramentata. Skont it-timbru tar-Reġistru l-att kien preżentat fl-10 ta’ Awwissu 2011. Fuq l-istess att hemm timbru ieħor li fid-9 ta’ Awwissu 2011 ir-rappreżentant tal-kumpanija ikkonferma t-tweġiba quddiem il-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil. L-atti juru li n-notifika tar-rikors ġuramentat saret fl-20 ta’ Lulju 2020. Ifisser li l-għoxrin jum għall-preżentata tat-tweġiba għalqu fid-9 ta’ Awissu 2011.*

*2.2 Fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2011 saret talba għall-isfilz tat-tweġiba ġuramentata. Dakinhar għall-attriċi deher biss id-difensur tagħha. Il-verbal jaqra: “Dr Kevin Camilleri Xuereb jirrileva illi n-nota ta’ eċċezzjonijiet ġiet ippreżentata tard b’ġurnata u għalhekk jitlob l-isfilz.*

*Dr Tonio Cachia jirrileva illi hekk jidher mill-atti iżda s-soċjeta konvenuta ħalfet l-eċċezzjonijiet fit-terminu preskritt iżda għal xi raġuni t-timbru tal-Qorti qed jirrifletti mod ieħor. Jitlob li jiġġustifika l-kontumaċja.*

*Il-Qorti wara li semgħet id-difensuri tal-partijiet tiddikjara li f’dawn iċ-ċirkostanzi l-liġi hi ċara u ma għandhiex il-jedd jew fakulta’ li tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissana dak li l-liġi tikkmanda b’mod ċar. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tilqa’ t-talba għall-isfilz taleċċezzjonijiet stante li ippreżentati trdivament u tordna li leċċezzjonijiet jiġu imneħħija mill-atti”*

*2.3 Fis-seduta tat-13 ta’ Ġunju 2012 ingħalqu l-provi tal-attriċi u l-Qorti ffissat termini sabiex il-partijiet jippreżentaw noti ta’ sottomissjonijiet li ġew preżentati.*

*2.4 Fit-2 ta’ Ottubru 2012 ingħatat is-sentenza.*

*2.5 B’rikors preżentat fit-22 ta’ Ottubru 2012 B. Grima & Sons Ltd appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ewwel aggravju kien jirreferi għall-ordni dwar l-isfilz tat-tweġiba ġuramentata. F’dak l-aggravju l-appellanti argumentat ukoll li bl-ordni ta’ sfilz kienet ġiet preġudikata, u sostniet li dik l-ordni kienet tikser il-jedd tagħha għal smigħ xieraq kif imħares mill-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319) (ara paragrafu 8).*

*2.6 B’sentenza tas-27 ta’ Jannar 2017 il-Qorti tal-Appell iddeċidiet dwar dak l-aggravju: “Illi in kwantu l-appell prinċipali jitratta l-ordni tal-ewwel Qorti tal-5 ta’ Ottubru, 2011, għall-isfilz tar-risposta tas-soċjeta konvenuta u konsegwentement l-istat kontumaċi tagħha, minn eżami tal-fatti kif żvolġew quddiem l-ewwel Qorti jirriżulta paċifiku li r-risposta ġuramentata saret tardiva. Għalkemm is-soċjeta konvenuta talbet li tiġġustifika l-kontumaċja, hija illimitat ruħha billi irrilevat li għalkemm l-eċċezzjonijiet ġew maħlufa fit-terminu preskritt, ‘għal xi raġuni’ t-timbru tal-Qorti jirrifletti mod ieħor. Fir-rikors tal-appell is-soċjeta konvenuta tittanta talloka r-responsabbilta’ ta’ dan in-nuqqas lir-reġistru tal-Qorti iżda fil-verita’ mill-atti tal-kawża ma tirriżulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiġġustifika l-istat kontumaċi Hija attribwit it-tardivita’ għal raġuni vaga, li jista’ jfisser ħafna u mhux neċessarjament nuqqas da parti tal-amministrazzjoni tal-Qorti. ............ “Kif ingħad qabel, f’dan il-*

*każ ma saritx il-prova tal-kawża ġusta li setgħet tiġġustifika l-kontumaċja, jew li tali kawża ġusta kienet tikkostitwixxi impediment leġittimu, jew żball invinċibbli li ma jammontax għal kolpa. Għalhekk f'dan il-kaz, is-soċjeta konvenuta ma seħħiliex li tissana l-pożizzjoni tagħha. Ma kien jinkombi fuq ħadd għajr is-soċjeta konvenuta li tiġġustifika r-raġuni l-għala r-risposta tagħha saret tardivament, permezz tal-provi opportuni, kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 158(10) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Għalkemm din il-Qorti taqbel mal-argument imressaq mis-soċjeta konvenuta, fis-sens li kontrarjament għal dak li ngħad mill-ewwel Qorti, ai termini tal-imsemmi artikolu tal-liġi, dik il-Qorti għandha l-jedd u l-fakolta' li tuża d-diskrezzjoni tagħha, sabiex tevalwa ċ-ċirkostanzi mressqa quddiemha li jistgħu jwasslu li l-kontumaċja tal-konvenut tiġi sanata, jekk kemm-il darba tirriżulta raġuni tajba, f'dan il-każ is-soċjeta konvenuta falliet, meta naqset li tressaq kwalunkwe prova li setgħet tiġġustifika s-sitwazzjoni tagħha. Inoltre kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011, u kif ġustament rilevat mis-soċjeta appellata, fl-ewwel data appuntata għas-smigħ, ħadd mid-diretturi jew rappreżentant ieħor tas-soċjeta konvenuta (għajr għad-difensur legali tagħha), ma ndenja ruħu jidher quddiem l-ewwel Qorti. Dan jikkontrasta sew mal-prinċipju ieħor li jista' jinsilet mill-istess ġurisprudenza ċitata tas-soċjeta u ċioe' li meta konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, dan jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett lejn l-awtorita' tal-Qorti, li jrid jirriżulta sabiex il-kontumaċja ma tiġix ġustifikata. ........ Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li s-soċjeta konvenuta falliet fuq iż-żewġ fronti, kemm li tressaq provi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, kif ukoll fl-ewwel jum appuntat mill-ewwel Qorti, għas-smigħ tal-kawża. Lanqas ma hu ġustifikat l-ilment tas-soċjeta konvenuta rigward l-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq jew li d-deċiżjoni tal-Qorti wasslet għall-ksur tad-drittijiet tagħha hekk kif sanċiti taħt l-Artikolu 39(2) talKostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, ladarba kienu l-istess nuqqasijiet tas-soċjeta konvenuta li wassluha għas-sitwazzjoni tagħha. L-atti proċesswali jindikaw li hija ġiet debitament notifikata u li għalkemm kellha l-opportunita' li tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha fil-waqt, hija naqset saħansitra milli tipprova tissana l-pożizzjoni tagħha, u għalhekk imputet sibi. Isegwi għalhekk, li għalkemm għal raġunijiet differenti, din il-Qorti waslet għall-istess konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, li l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta konvenuta kellhom jiġu sfilzati mill-atti u għalhekk ma tqisx li dan l-ewwel parti tal-appell prinċipali tas-soċjeta konvenuta, jimmerita li jintlaqa'.*

*2.7 Fil-21 ta' Ottubru 2017 B. Grima & Sons Ltd ippreżentat rikors ta' ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (Artikolu 811(l) tal-Kap. 12). L-ilment tagħha kien li ma ngħatatx l-opportunita` li tressaq provi sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.*

*2.8 B'sentenza tat-2 ta' Marzu 2018, it-talba ġiet miċħuda, wara li l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li mill-atti tal-kawża ma tirriżulta li tressqet ebda prova sabiex ir-rikorrenti tiġġustifika l-kontumaċja.*

*2.9 Fl-14 ta' Mejju 2019 l-attriċi ippreżentat il-kawża tal-lum fejn ilmentat minn ksur tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq kif imħares blArtikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ilment bażat fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex*

> *tiġġustifika l-kontumaċja tagħha fil-kawża 572/2011. Issostni li l-Qorti tal-Appell kemm fl-appell u l-proċeduri ta' ritrattazzjoni żbaljat meta kkonkludiet li l-attriċi kienet naqset milli tressaq provi sabiex tiġġustifika l-kontumaċja. F'kull każ jibqa' il-fatt li l-preżentata tat-tweġiba ġuramentata ġurnata waħda tard ma kellha qatt twassal għal dak li fil-fatt ġara."*

*Illi b'dan is-succint tal-fatti kif esposti mill-Qorti Kostituzzjonali u hawnekk abbraccjati, il-Qorti tqis illi ghall-finijiet tad-decizjoni illi hawnekk qed tinghata fit-termini ta' dan illi talbet il-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar 2021, is-segwenti provi prodotti quddiem din il-Qorti jiksbu rilevanza partikolari.*

*Isaac Grima (direttur tas-socjeta` rikorrenti) ighid illi l-kumpannija minnhu rapprezentanta (hawnekk rikorrenti) kienet ipprezentat kawza kontra Jeremy u Nydia Debono – 373/2011 - sabiex tithallas ghall-appalt ta` xogholijiet li kienu saru fil-pool tad-dar tal-konvenuti.*

*Minn naha tieghu, Jeremy Debono ghan-nom tal-kumpannija Concorde Developments Limited ipprezenta kawza kontra s-socjeta' hawnekk rikorrenti dwar l-istess xogholijiet – 572/2011. Din hija l-kawza illi qed taghti lok ghal dawn il-proceduri. Dan ghaliex ix-xhud jikkontendi illi f'din il-kawza il-kumpannija tieghu ma setghux jiddefendu ruhhom u l-Qorti tat sentenza fit-2 ta` Ottubru 2012 fejn ma akkordatx favur Concorde l-ammont kollu li tieghu kienet qeghda tippretendi li tithallas, imma parti minnhu.*

*Jispjega illi l-kumpannija tieghu (hawnekk rikorrenti) appellat minn dik id-decizjoni u l-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha laqghet parti mill-aggravji taghha.*

*Mhux kuntenti bir-rizultat ahhari, il-kumpannija rikorrenti pprezentat procedura ta` ritrattazzjoni. It-talba taghha ghal ritrattazzjoni kienet michuda.*

*Il-konsegwenza ta` dan kollu kien illi l-kumpannija tieghu kellha thallas lis-socjeta` Concorde Developments Ltd l-ammont ta` kwazi sebghin elf Euro.*

*Ix-xhud ighid illi qatt ma kien sema' bil-frazi `kontumacja`, u jzid ighid illi kien sema' bil-kawza miftuha kontra taghhom minn Concorde biss wara li kienet deciza.*

*Mix-xhiedha ta' Jeremy Debono, direttur ta` Concorde Developments Limited, jirrizulta illi B. Grima & Sons Limited kienet hallset lil Concorde Developments Limited l-ammonti kollha li kienu dikjarati mill-Qorti bhala dovuti lilha bhala konsegwenza tal-kawza li Concorde kienet ipprezentat.*

***Ikkunsidrat ulterjorment :***

*Illi mill-atti tal-kawza 572/2011 deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2012, li hija l-kawza li tat lok ghall-odjerni proceduri kif fuq msemmi, jirrizulta illi B. Grima & Sons Limited kienet notifikata bir-rikors guramentat fl-20 ta` Lulju 2011 (vide tergo fol 6) billi r-rikors thalla f'idejn Joshua Grima.*

*Jirrizulta ukoll, u fatt dan li mhux ikkontestat, illi r-rikors guramentat kien anke jikkontjeni l-Avviz kif mitlub mil-ligi fis-sens illi minn jircievi r-rikors kellu ghoxrin jum biex jirrispondi mid-data tan-notifika u li jekk dan ma jsirx, il-Qorti tghaddi biex taghti decizjoni skond il-ligi. Dan l-Avviz isir ai termini tal-artikolu 156(1)(d) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan sar kif jitlob l-istess provvediment, b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti.*

*Jirrizulta illi fl-10 ta' Awissu 2011 kienet intavolata risposta guramentata ta' B. Grima & Sons Limited, maħlufa pero` fid-9 ta' Awissu 2011 minn Adam Grima in rapprezentanza tal-istess socjeta' hemmek intimata, quddiem il-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil.*

*Jirrizulta fattwalment ghalhekk illi r-risposta guramentata ta' B. Grima & Sons Limited, skond it-timbru ufficjali tal-Qorti bid-data 10 ta' Awissu 2011, kienet intavolata tardivament b'gurnata.*

***Ikkunsidrat ulterjorment :***

*Illi huwa importanti issa ghall-finijiet ta' din id-decizjoni, illi jigi identifikat, x'sar fl-ewwel seduta tal-kawza 572/2011 u dak li gara sal-ghoti tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.*

*Jirrizulta illi fl-ewwel appuntament tal-kawza, li kien fil-5 ta` Ottubru 2011, Concorde Developments Limited, wara li rrilevat illi r-risposta guramentata kienet ipprezentata tard, talbet l-isfilz tar-risposta guramentata. Min-naha taghha, B. Grima & Sons Limited, filwaqt li kkonfermat li d-data tal-gurament fir-risposta guramentata kienet id-9 ta` Awissu 2011, it-timbru tal-prezentata 'ghal xi raguni' (kliem id-difensur ta` B. Grima & Sons Limited) kien qed jirrifletti mod iehor (kliem l-istess difensur). Ghalhekk B. Grima & Sons Limited talbet li tiggustifika l-kontumacja.*

*Illi l-Qorti thoss opportun illi tirriproduci f'din is-sentenza dak li gie verbalizat f'dik ludjenza, almenu l-parti rilevanti ghall-kaz odjern.*

> *"Meta ssejhet il-kawza dehru Dr Kevin Camilleri Xuereb ghas-socjeta' attrici u Dr Tonio Cachia ghas-socjeta' konvenuta.*
>
> *Dr Kevin Camilleri Xuereb jirrileva illi n-nota ta' eccezzjonijiet giet ipprezentata tard b'gurnata u ghalhekk jitlob l-isfilz.*
>
> *Dr Tonio Cachia jirrileva illi hekk jidher mill-atti izda s-socjeta' konvenuta halfet l-eccezzjonijiet fit-terminu preskritt izda ghal xi raguni t-timbru tal-Qorti qed jirrifletti mod iehor. Jitlob li jiggustifika l-kontumacja.*

> *Il-Qorti wara li semghet id-difensuri tal-partijiet tiddikjara li f`dawn ccirkostanzi il-ligi hi cara u ma ghandhiex il-jedd jew fakulta li tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissana dak li l-ligi tikkmanda b`mod car. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tilqa` t-talba ghal isfilz tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta stante li ipprezentati tardivament u tordna li l-eccezzjonijiet jigu imnehhija mill-atti."*

*Jirrizulta ukoll illi wara kien konkluz il-gbir tal-provi, is-socjeta' hemmek intimata hawnekk rikorrenti, B. Grima & Sons Ltd, nghatat il-fakolta` li tipprezenta nota ta` sottomissjonijiet, kif fil-fatt ghamlet fil-31 ta` Lulju 2012.*

***Ikkunsidrat ulterjorment:***

*Illi jirrizulta illi s-socjeta' hawnekk rikorrenti B. Grima & Sons Limited intavolat Appell u li wiehed mill-aggravji kien illi l-ewwel Qorti sfilzat ir-risposta guramentata bla ma hallietha tiggustifika l-kontumacja taghha.*

*Illi l-appell kien deciz fis-27 ta` Jannar 2017 u kien michud l-aggravju tal-appellanti li l-ewwel Qorti sfilzat ir-risposta guramentata bla ma thalliet tiggustifika l-kontumacja taghha.*

*Illi l-Qorti tal-Appell qalet hekk fuq dan il-punt :*

*- Omissis -*

> *"Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta falliet fuq iz-zewg fronti, kemm li tressaq provi biex tiggustifika l-kontumacja taghha, kif ukoll li tidher fl-ewwel jum appuntat mill-ewwel Qorti, ghas-smigh tal-kawza."*

***Ikkunsidrat ulterjorment:***

*Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu 2018, allura s-sentenza gharrikors ta' ritrattazzjoni li sar mis-socjeta' hawnekk rikorrenti B. Grima & Sons Limited, il-Qorti tal-Appell tenniet hekk :*

> *"Ezami tas-sentenza li qed tintalab ritrattazzjoni taghha jindika car u tond li l-argument tas-socjeta' rittrattanti ma hux fattwalment korrett. Kull ma jinghad fis-sentenza tal-appell hu li 'Fir-rikors tal-appell is-socjeta` konvenuta tittanta talloka r-responsabbilita' ta' dan in-nuqqas lir-registru tal-Qorti, izda fil-verita' mill-atti tal-kawza ma tirrizulta li tressqet ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha'. Dan mhu zball xejn ghax dan hu dak li verament jirrizulta. Ma hemm ebda assunzjoni ta' xejn. Huwa fatt illi 'mill-atti tal-kawza ma tirrizulta ebda prova sabiex tittenta tiggustifika l-istat kontumaci taghha'. Qalet sew il-Qorti li kien jinkombi fuq is-socjeta' konvenuta li ggib provi biex tiggustifika l-kontumacja taghha u mill-atti tali provi ma kien jirrizulta illi li gew prodotti ghalkemm kjarament fl-ewwel istanza is-socjeta`*

> *ritrattandi kienet allegat nuqqas tar-Registratur tal-Qorti, li, kif inghad, ma giex ppruvat.*

*Wara li ghamlet analazi tal-principji tad-dritt li jirregolaw l-istitut tar-ritrattazzjoni in generali u tad-disposizzjoni partikolari citata mir-ritrattandi fl-isfond tal-fattispeci talkaz odjern, il-Qorti tal-Appell ghaddiet biex cahdet it-talba ghar-ritrattazzjoni.*

***Ikkunsidrat ulterjorment:***

*Illi fir-rigward ta' dak li jrid jigi hawnekk deciz, ossia, jekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza 572/2011 deciza fis-27 ta' Jannar 2017, kissritx id-drittijiet fondamentali tas-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 6(1) talKonvenzjoni Ewropeja meta allegatament naqset milli taghtiha d-dritt illi tiggustifika il-kontumacja taghha f'dawk il-proceduri, dak li qed tghid is-socjeta` rikorrenti jista' jingabar hekk:*
*a) mhix qeghda tghid illi l-Art 158(10) tal-Kap 12 fih innifsu huwa leziv tad-dritt ghas-smigh xieraq, imma li qed jinghad huwa li l-interpretazzjoni li tat l-Ewwel Qorti ghal dik id-disposizzjoni u l-applikazzjoni taghha mhux biss kienu zbaljati izda lesivi ghad-dritt taghha ghal smigh xieraq, in kwantu illi n-nuqqas tal-Ewwel Qorti kien illi fl-udjenza tal-5 ta` Ottobru 2011 ippronunzjat ruhha fis-sens illi d-disposizzjoni ma kenitx taghtiha diskrezzjoni li tqis jekk il-kontumacja taghha kenitx gustifikata jew le,*
*b) li l-konvenut m`ghandux ikun privat minn difiza ghaliex ir-risposta guramentata tkun prezentata tard u dan b`omagg ghal audi alteram partem li huwa principju ewlieni tal-gustizzja naturali,*
*"c) li ghall-izball ta` terz m`ghandux jigi ppregudikat konvenut li jiddefendi ruhu f`kawza,*
*d) li r-raguni ghaliex ma ressqet ebda prova ghall-gustifikazzjoni ta` kontumacja kienet ghaliex l-Ewwel Qorti ma taghthiex l-opportunita`, billi skont dik il-Qorti, l-Art 158(10) tal-Kap ma kienx jippermettilha dak l-ezercizzju.*

*Illi l-***Avukat tal-Istat** *jissottometti minn naha tieghu illi l-fatt li s-socjeta' rikorrenti baqghet kontumaci ma jfissirx li hija tilfet d-drittijiet taghha jew li ammettiet it-talbiet attrici, ghaliex stat ta` kontumacja mhuwiex meqjus bhala ammissjoni anzi jitqies bhala kontestazzjoni. Li allura kien jibqa` l-obbligu tal-attur li jipprova b`mod sodisfacjenti t-talbiet tieghu. Lill-konvenut kontumaci minn naha l-ohra kien jibqaghlu d-dritt li jekk irid jipprezenta nota ta` sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti qabel din taghti sentenza, u li anke jinterponi appell, kif fil-fatt ghamlet.*

*Jsostni illi ma tirrizulta l-ebda vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq billi kien in-nuqqas tas-socjeta' rikorrenti li wassal biex issib ruhha fi stat ta` kontumacja. Il-fatt li wassal ghall-isfilz tar-risposta guramentata huwa mputabbli ghall-eghmil tar-rikorrenti.*

*Jghid illi ma kien hemm ebda sforz min-naha tar-rikorrenti sabiex tissana l-posizzjoni taghha u mill-atti ma jirrizultax illi saret xi talba formali sabiex tiggustifika l-kontumacja.*

*Minn naha taghha, is-socjeta`* ***kjamata fil-kawza*** *tghid illi ghandu jkun l-Avukat tal-Istat li jwiegeb ghall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti. Tghid illi hija m`ghandhiex titqies bhala kontradittur ghar-rizultat li jrid jinkiseb mir-rikorrenti.*

*Issostni illi l-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq ghandu dejjem jitqies fl-isfond tad-dritt tal-attur li jara li kawza li jkun ipprezenta tipprocedi u kif ukoll li l-interess tal-gustizzja jesigi li l-process gudizzjarju jiehu l-kors naturali tieghu. It-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata stabbilit bl-Art 158 tal-Kap 12 huwa ntiz sabiex jithares bilanc bejn l-interessi tal-partijiet kollha f`kawza. Issostni illi process gudizzjarju m`ghandux jigi dettat biss mir-rieda tal-konvenut.*

*Tghid li meta konvenut ma jipprezentax risposta guramentata fit-terminu legali, jitqieghed fi stat ta` kontumacja u bhala konsegwenza jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Ma jkun hemm ebda vjolazzjoni tal-principju ta` audi alteram partem jekk lill-Qorti jirrizultalha li l-konvenut jew b`rieda jew bi traskuragni tieghu ma jobdix l-ordnijiet taghha u ma jipprezentax id-difiza tieghu kontra t-talbiet attrici skont il-ligi.*

*Issostni illi filwaqt illi l-Art 158(10) tal-Kap 12 jippermetti li konvenut igib prova sabiex jissodisfa lill-qorti li kellu raguni tajba ghaliex ma pprezentax ir-risposta guramentata, b'dana kollu fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti ma ghamlitx din il-prova.*

***Ikkunsidrat Ulterjorment:***

*Illi d-dispozizzjonijiet tal-ligi relattivi ghall-kaz in ezami huma s-segwneti:*

> ***"L-Art 158(10) tal-Kap 12***
>
> *Jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-risposta guramentata msemmija f`dan l-artikolu, il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa` kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien li jmiss. Il-qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi.*
>
> ***L-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni***

> *"Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*
>
> *" **L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni***
>
> *"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi.*

*A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti sejra taghmel taghha l-insenjament u d-dottrina kif spjegata u mfissra fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju 2020.*

*Issir ghalhekk referenza ghal xi siltiet mill-ktieb "**Law of the European Convention on Human Rights ta' Harris, O`Boyle u Warbrick**[4] li b'referenza ghall-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ighidu:-*

> *The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national court being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial*[5]
>
> *In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.*[6]
>
> *Article 6 does not control the content of a state`s national law; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*[7]
>
> *The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*[8]

*Minn nha l-ohra, din il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal zewg decizjonijiet tal-Qrati lokali, wahda fl-ismijiet **Joseph Emanuel***

[4] Second Edition: 2009 : OUP
[5] Paġna 202
[6] Paġna 204
[7] Paġna 224
[8] Paġna 251

***Ruggier et v. Joseph Oliver Ruggier***[9]*6 fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet :*

> *… l-istitut tal-kontumacja mhuwiex fih innifsu inkompatibbli mal-imsemmi principju tal-gustizzja naturali u mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ghaliex id-dritt tal-konvenut li jidher ghall-process gudizzjarju u jiddefendi ruhu kontra t-talbiet li jsiru kontrih ma jistax jitqies f`termini assoluti ghaliex tali dritt jista` jigi rinunzjat. Ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja tirrikjedi li jinstab bilanc ragjonevoli bejn dan id-dritt ta` smigh xieraq li kull konvenut huwa ntitolat ghalih min-naha wahda, u d-dritt tal-attur u l-interess tal-gustizzja in generali min-naha l-ohra, sabiex il-process gudizzjarju mibdi jkun jista` jiehu l-kors normali tieghu. Jekk dan il-bilanc ma jinstabx, il-process gudizzjarju jista` jsir unikament dipendenti fuq il-volonta` tal-konvenut, u b`hekk l-istess process jista` jisfa` indebitament intralcjat minn dak il-konvenut li jkun malintenzjonat.*
>
> *Huwa manifest li biex il-principju fundamentali tal-gustizzja procedurali audi alteram partem ma jigix applikat fil-prattika fil-process gudizzjarju jkun irid jirrizulta lill-Qorti li hemm ragunijiet cari u univoci li juru effettivament li l-konvenut ghax irid, jew bi traskuragni, jrid jiddizobedixxi l-ordni tal-Qorti biex jidher ghas-smigh tal-kawza u jirrispondi ghall-gudizzju, u b`hekk ikun effettivament wera li rrinunzja ghad-dritt fundamentali tieghu li l-Qorti tisma` x`ghandu xi jghid bid-difiza tieghu nnifsu.*

*Ghamlet ukoll referenza ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet* ***Rea Ceramics Ltd v. Kunsill Malti ghall-Isport et***[10] *fejn inghad :*

> *"Din il-Qorti tikkonsidra opportun li tirriferi ghal certu principji rigwardanti l-istitut tal-kontumacja, kemm dwar ir-ratio legis tieghu, kif ukoll dwar il-mod kif in-nuqqas tal-konvenut jista` jigi sanat jekk jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li n-nuqqas tieghu li jipprezenta l-eccezzjonijiet fit-terminu preskritt mil-ligi kien fic-cirkostanzi gustifikat.*
>
> *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba da parti tal-attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha ghall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista` jindahal fit-tressiq ta` provi billi dan jammonta ghal forma ta` dizordni socjali. Maz-zmien il-qrati Maltin iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min- naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghall-htija, m`ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata. Di fatti l-gurisprudenza interpretattiva stabbliet certu fatturi li jirrendu l-kontumacja mhux gustifikabbli. Dawn huma fil-kaz li lkontumacja: kienet volontarja jew*

---

[9] 3 ta' Frar 2009
[10] 18 ta' Lulju 2014

*kolpuza; jew priva minn kawza gusta; jew mankanza ta` impediment legittimu da parti tal-imharrek li kien pogga lill-istess fl-impossibilita` jew f`diffikulta` gravi li jipprezenta n-nota taleccezzjonijiet tieghu; jew ma kienx kaz ta` zball invincibbli.*

*"Ukoll bl-Att XXIV/1995 iz-zmien preskritt mil-ligi ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut gie estiz ghal 20 jum, u fil-kaz ta` kontumacja nghatat anke l-possibilita` ta` prezentata ta` nota ta` osservazzjonijiet, biex hekk kif jghid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12, il-konvenut kontumaci jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur, u dan fuq il-principju li l-kontumacja mhijiex ammissjoni jew semplici walk-over izda hija kontestazzjoni u allura xorta wahda l-attur jibqalu l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu.*

*"Min-naha tieghu l-kontumaci ghandu l-fakolta` li jiddefendi ruhu billi jipprezenta nota ta` sottomissjonijiet bil-miktub, u wkoll billi jappella, kemm dwar is-sentenza li l-ewwel Qorti tkun iddecidiet li l- kontumacja ma kenitx gustifikata, kif ukoll mis-sentenza finali fuq il-mertu. Ghandu wkoll il-fakolta` li jipprova jiggustifika l-kontumacja fl-istadju tal-appell, u, fil-kaz ta` ezitu negattiv fir-rigward, ghandu l-fakolta` li fl-appell jittratta dwar il-meritu.*

***Ikkunsidrat ulterjorment:***

*Maghmula cari l-osservazzjonijiet hawn fuq esposti, jifdal ghalhekk issa illi din il-Qorti tezamina, tistharreg u tiddeciedi dwar jekk dak li gara fil-kawza 572/11 gewx lezi d-drittijiet fondamentali tas-socjeta' rikorrenti, senjatament bi ksur tal-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja hawn fuq citati. U dan dejjem fil-kuntest ta' jekk, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza 572/2011 deciza fis-27 ta' Jannar 2017, kisritx id-drittijiet fondamentali tas-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikoli msemmija meta allegatament naqset milli taghtiha d-dritt illi tiggustifika l-kontumacja taghha f'dawk il-proceduri.*

*Jibda' biex jinghad illi s-socjeta' rikorrenti sserrah it-talbiet taghha fuq numru ta' premessi, mill-liema johrog car illi hija qed tippremetti illi dak li gara fil-5 ta' Ottubru 2011, gara "f'dawk il-ftit minuti"[11]. Tippremetti ukoll illi s-socjeta' rikorrenti giet "effettivament mcahhda mid-dritt illi tiddefendi l-kawza"[12]. Tikkontendi ukoll illi hija kienet talbet illi tiggustifika l-kontumaci taghha u ma nghatatx dan id-dritt, izda l-Qorti bi zball kienet stqarret u ikkonkludiet illi "kienu nghataw id-dritt jiggustifikaw il-kontumacja taghhom izda naqsu milli jgibu l-provi ghal dan"[13]*

*Il-Qorti trid tosserva illi tali dikjarazzjonijiet/premessi, illi inoltre' is-socjeta' rikorrenti ssejjes it-talbiet taghha fuqhom, huma fattwalment u legalment skorretti. Dan qed jinghad peress illi dak li gara fil-5 ta'*

[11] It-tielet premessa
[12] Ir-raba' premessa
[13] Il-ħames premessa

*Ottubru 2011 ma kienx ir-rizultat ta' ftit minuti (seduta fl-awla) – imma meta wiehed jikkunsidra illi r-rikors guramentat kien lilha notifikat fl-20 ta' Lulju 2011, ossia xaghrejn u nofs qabel is-smigh tal-kawza, allura altru milli ftit minuti.*

*Dan qed jinghad peress illi meta s-socjeta' rikorrenti giet notifikata bir-rikors guramentat, hija kienet ben mgharrfa, kif trid il-ligi, illi jekk ma tirrispondix fi zmien ghoxrin jum, allura l-Qorti kienet tghaddi biex taghti d-decizjoni. Anzi, kif titlob ukoll il-ligi kien hemm l-Avviz sabiex hija tkellem Avukat minghajr dewmien.*

*Gara x'gara, il-fatt jibqa' illi r-riposta guramentata giet pprezentata fl-10 ta' Awissu 2011, allura gurnata tard. Imma addirittura bejn din id-data u d-data tas-smigh kien hemm max-xaghrejn zmien, u minn mkien ma jirrizulta illi f'dawk ix-xaghrejn, is-socjeta` rikorrenti ghamlet xi haga biex tittenta tiggustifika l-kontumaci taghha. Anzi, l-anqas li setghet taghmel kien illi hija tkun prezenti, mqarr permezz ta' ufficjal taghha, ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011, imma lanqas dak ma kien il-kaz.*

*Huwa ghalhekk illi l-Qorti tqis illi t-trapass ta' zmien bejn in-notifika tar-rikors guramentat u l-ewwel udjenza, ukoll u inkorporat fih, iz-zmien bejn il-prezentata tar-risposta u l-ewwel udjenza, ma jistghax jigi injorat u ghandu jitqies bhala zmien illi fih is-socjeta' rikorrenti setghet hadet passi, mqarr billi tipprezenta talba biex immedjatament tiggustifika l-kontumacja jew tkun hi li tigbed l-attenzjoni tal-Qorti illi kien hemm diskrepanza bejn id-data tal-gurament u dik tal-prezentata.*

*La sar dan u lanqas ma kienet prezenti in fl-Awla is-socjeta` rikorrenti (hemmek intimata) u fid-dawl tal-insenjamenti hawn fuq maghmula, dan kollu immilita kontriha, imma fuq kollox, imur biex iwassal lill-Qorti tghid illi dak li gara ma garax fi ftit minuti, imma minn ferm ferm qabel. U ghalhekk illi l-premessa tas-socjeta` rikorrenti, fis-sens illi kollox gara fi ftit minuti, m'ghandiex mis-sewwa.*

*L-istess kif m'ghandiex mis-sewwa l-premessa l-ohra hawn fuq ccitata, ossia illi hija giet imcahhda milli tiddefendi l-kawza. Il-ligi taghna hija cara u d-drittijiet kollha illi s-socjeta` rikorrenti (hemmek intimata) kienet tgawdi una volta dikjarata kontumaci, nghatghula. Mhux biss id-dritt illi tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet (kif fil-fatt ghamlet), imma anke d-dritt ta' Appell (kif fil-fatt sar) u ulterjorment id-dritt illi titlob ritrattazzjoni (kif fil-fatt sar).*

*Issa huwa minnhu illi l-ligi taghna tistabilixxi illi konvenut illi jaqa' kontumaci ma jistghax iressaq provi, imma huwa minnhu ukoll illi l-kontumaci ma hix ammissjoni. Filwaqt illi jigi mfakkar illi s-socjeta' rikorrenti mhix qed tuza din il-kawza sabiex tilmenta minn lezjoni ta' drittijiet fondamentali konsegwenza ta' xi disposizzjoni tal-ligi (senjatament l-artiklu 158 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta), irid jinghad illi minn qari akkurat tal-process, din il-Qorti tasal biex tikkonkludi illi*

*safejn kien possibbli illi l-Qorti Civili, Prim Awla, tiehu konjizzjoni ta' dak li kellha u setghet tghid is-socjeta' rikorrenti (hemmek intimata kontumaci) – dan ghamlitu. U r-rizultat intwera. Bizzejjed jinghad illi s-somma mitluba mill-hemmek socjeta' rikorrenti ma gietx akkordata, imma gie akkordat ammont ferm anqas. Mhux lanqas ghaliex is-socjeta` hemmek intimata kontumaci ghamlet, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha (para 8 sa 11), il-kummenti u l-argumenti taghha ghaliex dehrilha illi l-ammont pretiz kien wiehed esagerat u/jew mhux dovut.*

*Din il-Qorti tikkonkludi illi b'dak kollu li gara wara illi hija giet kkonfermata mill-Qorti bhala intimata kontumaci sar fil-parametri tal-ligi, b'rispett shih lejn id-drittijiet shah taghha, mhux lanqas illi taghmel dak li setghet f'kaz ta' intimata kontumaci biex tiddefendi ruha ghall-kawza li kienet saritilha.*

*Dan igib lill-Qorti ghal premessa ohra zbaljata, forsi l-aktar premessa importanti fil-kuntest tad-decizjoni li qeghda hawnekk tinghata. Is-socjeta' rikorrenti ssostni illi hija kienet talbet illi tiggustifika l-kontumaci taghha u ma nghatatx dan id-dritt, izda l-Qorti bi zball kienet stqarret u ikkonkludiet illi "kienu nghataw id-dritt jiggustifikaw il-kontumacja taghhom izda naqsu milli jgibu l-provi ghal dan".*

*Din il-Qorti, a skans ta' repetizzjoni, qed taghmel taghha il-kostatazzjonijiet kemm fattwali u kif ukoll legali, kemm tal-Qorti tal-Appell (kawza 572/11) fid-decizjonijiet taghha tas-27 ta' Jannar 2017 u kif ukoll dik tat-2 ta' Marzu 2018, ukoll ta' din il-Qorti tat-30 ta' Gunju 2020 u tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Frar 2021 (kawza 77/2019) sa fejn dawn gew hawn fuq riprodotti u huma applikabbli ghal kaz odjern u dak li jrid jigi deciz hawnekk.*

*B'zieda ma' dawn il-kostatazzjonijiet, din il-Qorti trid tghid illi qed taghti piz xieraq u dovut lil dak li gie vverbalizzat fl-udjenza tal-5 ta 'Ottubru 2021 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. L-importanza u l-portata ta' verbal huwa ben maghruf.*

*Il-Qorti tinnota qabel xejn illi l-isfilz tar-risposta tardiva intalab wara li ngieb a konjizzjoni tal-Qorti illi l-istess nota kienet tardiva. Tinnota ukoll illi ma deher ebda rapprezentat tas-socjeta' hemmek intimata, la xi direttur taghha, la Joshua Grima li kien ircieva l-att u lanqas Adam Grima illi kien halef ir-risposta guramentata.*

*Il-Qorti tinnota ukoll dak li vverbalizza d-difensur tas-socjeta' hemmek intimata (hawnekk rikorrenti) ossia illi "ghal xi raguni t-timbru tal-Qorti qed jirrifletti mod iehor". Meta kienet tirrizulta t-tardivita' mill-atti stess ghal almenu sitt gimghat qabel dik l-udjenza, l-icken haga illi wiehed kien jistenna kien illi l-gustifikazzjoni ma tkunx ibbazata fuq "ghal xi raguni stramba" – imma ghal xi raguni ferm aktar fattwali u b'sahhitha biex fit-termini hawn fuq diskussi, il-Qorti thossha komda illi tilqa' l-gustifikazzjoni u b'hekk tippermetti r-risposta.*

*Il-Qorti tinnota ulterjorment illi mkien mill-verbal ma jirrizulta illi d-difensur tas-socjeta` intimata ma talab illi jressaq xi provi. U allura il-qari tal-verbal bilfors irid jinftiehem illi l-qorti semghet x'kienet il-gustifikazzjoni mressqa mid-difensur tas-socjeta` intimata (allura ix-xi raguni li t-timbru tal-qorti jirrifletti mod iehor) permezz ta' trattazzjoni minghajr ma saret talba biex jitressqu provi, u in segwitu ghal dan, korrettament, tghid din il-Qorti, il-Prim Awla ghamlet id-decizjoni taghha.*

*Mill-verbal ma jirrizultax illi saret talba ghall-produzzjoni ta' provi sabiex is-socjeta' hemmek intimata tittenta tiggustifika l-kontumacja taghha, lanqas ma jirrizulta xi dikjarazzjoni tal-Qorti fis-sens illi kienet qeghda tichad tali talba, imma jirrizulta biss, ghaliex il-qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet, illi l-attentat ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja tas-socjeta` rikorrenti (hemmek intimata) sar biss permezz ta' trattazzjoni*

*Imma fid-dawl ta' dan, certament ma jistghax jinghad illi s-socjeta` intimata ma thallitx tressaq provi sabiex tiggustifka l-kontumacja. U korrettament il-Qorti tikkonkludi illi s-socjeta` intimata ma ressqitx provi sabiex tittenta tiggustifika l-kontumaci taghha. Fil-fatt il-qorti ghaddiet sabiex iddegretat "wara li semghet id-difensuri tal-partijiet" – u allura jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw, imma mkien mill-verbal ma jirrizulta illi saret talba mis-socjeta' intimata biex tressaq provi. Jrid jinghad ulterjorment illi f'dik l-istess udjenza, fejn id-difensur tas-socjeta` intimata dehrlu illi kellu jaghmel talbiet, dawn ghamilhom u gew verbalizzati.*

*Din il-Qorti finalment jidhrilha illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili, forsi anke minghjajr ma taf, uzat il-jedd u l-fakolta`li ttiha il-ligi u uzat id-diskrezzjoni taghha, sabiex tevalwa c-cirkostanzi mressqa quddiemha li jistghu jwasslu li l-kontumacja tal-konvenuta tigi sanata, jekk kemm –il darba tirrizulta raguni tajba li setghet tiggustifika s-sitwazzjoni taghha, u sabet illi ma kienx hemm tali gustifikazzjoni.*

*Illi ghalhekk din il-Qorti thoss illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma msejjsa fuq premessi zbaljati u nfondati kemm legalment imma fuq kollox fattwalment, peress illi jirrizulta lil din il-Qorti illi s-socjeta` hemmek konvenuta falliet fuq iz-zewg fronti, kemm li tressaq provi biex tiggustifika l-kontumacja taghha, kif ukoll li tidher fl-ewwel jum appuntat mill-ewwel Qorti, ghas-smigh tal-kawza.*

*Applikati ghalhekk ghal dawn il-kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, il-principji u l-insenjamenti hawn fuq prodotti fir-rigward tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti ma tisghax tasal biex tikkonkludi illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti kif minnha mitlub u pretiz b'din il-kawza.*";

6. L-appellanti ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnha fil-11 ta' Frar, 2022, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassarha u minflok, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet imqajma mill-intimati, tilqa' t-talbiet kollha tagħha u/jew tagħti dawk id-direttivi, ordnijiet u rimedji li jidhrulha xierqa;

7. L-intimat Avukat tal-Istat laqa' għall-imsemmi appell bi Tweġiba li ressaq fil-25 ta' Frar, 2022, u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, "umilment jitlob (*sic*) lil dina l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali jogħġobha tiċħad l-appell imressaq mis-soċjeta` appellanta, bl-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu minnu stess (*sic*)";

8. Min-naħa tagħha, Concorde laqgħet ukoll għall-appell bi Tweġiba li ressqet fit-8 ta' Marzu, 2022, u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra qalet li s-sentenza appellata hija tajba u jistħoqqilha tkun konfermata u li l-appell imressaq mill-kumpannija attriċi jkun miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti;

9. Wara li b'Nota tal-14 ta' Marzu, 2022[14], is-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef astjena milli jkompli jisma' l-kawża u saret is-surroga meħtieġa[15], il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tas-26 ta' Mejju, 2022, f'liema smigħ ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

[14] Paġ. 379 tal-proċess
[15] Paġ. 380 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

10. Din il-Qorti tibda biex tgħid li dak li sejra tqis aktar 'il quddiem irid jinqara flimkien ma' dak li qieset fis-sentenza li tat f'din il-kawża fil-25 ta' Frar tal-2021 fuq l-appell imressaq mill-appellanti dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat li kienet intlaqgħet b'sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2020;

11. L-appellanti qajmet **tliet aggravji** mis-sentenza appellata. Bl-ewwel wieħed, hija tgħid li l-kunsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fl-aħħar parti tas-sentenza appellata huma ħżiena għal kollox u jitbiegħdu saħansitra minn dak li ngħad fis-sentenza li l-Qorti tal-Appell tat fis-27 ta' Jannar, 2017, fil-kawża ċivili. Bit-tieni wieħed, l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox it-tieni lment li dwaru ressqet din il-kawża – jiġifieri dwar l-effetti tat-tneħħija tar-Risposta Maħlufa mill-atti fil-kawża ċivili li tressqet tard b'jum wieħed biss u li ma kellhiex twassal għall-kontumaċja b'mod awtomatiku. Filwaqt li t-tielet wieħed jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż relattivi għal Concorde u min kellu jbatihom;

12. L-**ewwel aggravju** jikkonsisti fi tliet taqsimiet ta' kritika tal-kunsiderazzjonijiet tal-aħħar li jinsabu fis-sentenza appellata. Fl-ewwel taqsima l-appellanti tgħid li hija ma taqbilx assolutament mal-Ewwel Qorti

meta fis-sentenza appellata qalet li l-appellanti kien ilha mill-anqas sitt ġimgħat taf li t-Tweġiba Maħlufa tagħha fil-kawża ċivili kienet ressqitha wara li għalaq iż-żmien li messha tressqet u li, matul dak iż-żmien, ma għamlet xejn biex tipprova ssewwi n-nuqqas tagħha. Tikkontesta wkoll il-kostatazzjoni li waqt l-ewwel smigħ, l-appellanti ma bagħtet lil ħadd biex jidher f'isimha quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellanti tgħid li dan ma huwa minnu xejn, għaliex il-kwestjoni tat-tressiq tard tat-Tweġiba tagħha qamet biss waqt l-ewwel smigħ tal-5 ta'Ottubru, 2011, u kien dak inhar stess li l-Ewwel Qorti kienet ordnat it-tneħħija ta' dak l-att mill-atti tal-kawża ċivili bla ma kien ingħata l-ebda pre-avviż lill-appellanti ta' x'se jsir. Hija żżid tgħid li ma kellha l-ebda mod kif setgħet tikkontesta d-digriet tal-isfilz quddiem dik il-Qorti jekk mhux billi tikkontestah wara li tkun ingħatat is-sentenza, kif tabilħaqq għamlet meta appellat minnha. Ittemm tgħid li l-kontestazzjoni li baqa' ma ċċaraha ħadd kienet kif l-att kien maħluf fil-ħin u fiż-żmien mogħti mil-liġi, imma t-timbru tal-preżentata jidher bid-data tal-għada li nħalef. Fit-<u>tieni taqsima</u> l-appellanti tilminta li l-Ewwel Qorti qieset biss li fil-kawża ċivili kienet ingħatat il-jeddijiet li l-liġi tagħti lil parti li tkun fi stat ta' kontumaċja, imma ma qisitx il-mod kif kienet inġabet f'dak l-istat u kif dik il-qagħda wasslitha biex iġġarrab ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Tisħaq li hija ċċaħħdet milli titħalla tressaq it-Tweġiba Maħlufa u li ġġib provi dwar il-każ tagħha, u kull eżami mirqum li fil-kawża ċivili l-Qorti tal-ewwel istanza u wkoll il-Qorti fi grad tal-appell setgħu għamlu tal-provi mressqa minn Concorde waħedha ma jista' bl-ebda mod

ixejjen l-iżbilanċ ċar li nħalaq meta parti minnhom – l-appellanti – ma ngħatatx il-jedd tressaq il-provi tagħha u dawk il-qrati semgħu biss qanpiena waħda. Fit-tielet taqsima ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti qalet ħażin li ma kinitx saret talba quddiem l-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili biex jitressqu provi ħalli titneħħa l-kontumaċja. L-appellanti tisħaq li r-raġuni għaliex ma saritx talba biex jitressqu l-provi kien minħabba li l-mod kif l-ewwel Qorti fil-kawża ċivili mmotivat l-ordni tagħha li tneħħi t-Tweġiba Maħlufa mill-atti tal-kawża għamlitha ċara li l-liġi ma ħallitilhiex wisa' biex "tissana dak li l-liġi tikkmanda b'mod ċar" u għalhekk "huwa loġiku li ma kinitx lanqas se tisma' provi fuq dak il-punt";

13. L-intimat Avukat tal-Istat laqa' għal dan l-aggravju billi rabtu mat-tieni wieħed u jgħid li l-Ewwel Qorti fissret u apprezzat sewwa l-fatti u dak li ġara kemm fil-kawża ċivili u kif ukoll dak li tressaq bi provi quddiemha f'din il-kawża. Fuq is-saħħa ta' dak l-apprezzament tajjeb waslet għal konklużjonijiet tajbin fis-sentenza appellata. Jisħaq li, mir-rikors tal-appell innifsu, l-appellanti jidher li tistqarr li kienet naqset milli titlob li titħalla tressaq provi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u li dan kollu jixhed li kienet l-istess appellanti li, fil-kawża ċivili, ġabet b'idejha l-ħsara li issa tilminta minnha bl-allegazzjoni li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq;

14. Concorde ukoll twarrab dan l-aggravju billi tmieri kull waħda mit-taqsimiet li taħthom tressaq. Dwar l-ewwel taqsima, Concorde tgħid li l-ewwel Qorti fissret eżatt dak li seħħ quddiem l-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili u għalhekk il-fehma li waslet għaliha kienet imsejsa fuq tħaddim tajjeb taċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ. Tippreċiża li kien biss waqt is-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2011, li l-avukat tal-appellanti talab li jitħalla jiġġustifika l-kontumaċja tal-klijenta tiegħu, imma naqas li jitlob li jitħalla jressaq provi biex jiġġustifikaha. Tisħaq ukoll li l-kontumaċja kien ilha sseħħ sa minn dak il-waqt li t-Tweġiba Maħlufa tressqet wara ż-żmien, għaliex dak li jgħodd għas-siwi ta' att ġudizzjarju mressaq f'waqtu huwa meta dak l-att jitressaq fir-Reġistru u mhux meta jinħalef. Kien f'idejn l-appellanti waħedha li tara li tressaq f'waqtha it-Tweġiba Maħlufa tagħha u meta ressqitha fl-10 ta' Awwissu, 2011, kienet taf li l-għoxrin jum siewja kienu għalqu l-jum ta' qabel. Dwar it-tieni taqsima, Concorde tgħid li minkejja li l-appellanti waqgħet kontumaċi, ingħatat kull fakulta` li l-liġi tagħtiha biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u l-appellanti nqdiet b'dik il-fakulta` u huwa ċar li l-Qrati fil-kawża ċivili taw każ ta' dawk is-sottomissjonijiet. Il-fatt li l-appellanti nqdiet b'dawk ir-rimedji u saħansitra mill-jedd li tappella mis-sentenza jġib fix-xejn l-ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, u dan fid-dawl ta' ċirkostanzi li kienet l-appellanti nnifisha li ġabithom b'idejha. Dwar it-tielet taqsima tal-aggravju, Concorde tmieri lill-appellanti li s-sentenza appellata tmur kontra dak li kienet sabet il-Qorti tal-Appell fil-kawża ċivili, u tgħid li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata f'din il-kawża

ddikjarat espressament li kienet qiegħda tagħmel dawk il-kostatazzjonijiet bħala magħmulin minnha wkoll. F'dan ir-rigward, kemm il-qrati fiż-żewġ istanzi tal-kawża ċivili u kif ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jaslu għall-istess fehma – li kienet l-appellanti li naqset li titlob li tingħata l-fakulta` li tressaq il-provi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha;

15. Il-Qorti tqis li biċċa sewwa minn dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament ta' fatti. Minbarra dan, huma fatti li joħorġu mill-mixja proċedurali tal-kawża ċivili. Għalhekk, huma fatti li jridu jitfissru b'eżami tal-imsemmija atti, fosthom il-verbali ta' dik il-kawża. Fid-dawl tal-qofol tal-ilment tal-ksur ta' jedd fundamentali li jsejjes 'il din il-kawża, din il-Qorti fliet dawk l-atti b'reqqa. Ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, bħala regola, jitlob li jsir eżami tal-proċess kollu li dwaru jingħad li jkun seħħ ksur bħal dak, għalkemm xi episodji partikolari minn dak il-proċess jistgħu, waħedhom, ikunu biżżejjed biex isarrfu fi ksur jew jistgħu jwasslu għal ksur bħal dak. Fil-każ tal-lum, l-appellanti tara li kien hemm ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq kemm dak il-ħin li l-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili ordnat it-tneħħija mill-atti tal-kawża tat-Tweġiba Maħlufa tagħha u l-motivazzjoni li tat biex waslet li tordna t-tneħħija. U tara wkoll li ġarrbet dak il-ksur minħabba li, bis-saħħa ta' dak l-ordni, la ngħatat il-possibilita` li ġġib il-provi biex turi li kien hemm raġuni tajba li ssaffi l-kontumaċja tagħha u lanqas kellha l-opportunita` li tressaq il-każ tagħha bħalma kellha Concorde;

16. Jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda dubju dwar id-data ta' meta l-appellanti kienet laqgħet in-notifika tar-Rikors Maħluf fil-kawża ċivili (l-20 ta' Lulju, 2011)[16], u qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar meta tassew seħħ dan. Bil-liġi, jekk l-appellanti riedet tikkontesta l-kawża li Concorde fetħitilha (ta' min jgħid ukoll li dik il-kawża nfetħet wara kawża li l-appellanti kienet fetħet lil Concorde xahrejn qabel[17]), kellha sad-9 ta' Awwissu, 2011, biex tagħmel dan. L-atti ta' dik il-kawża juru wkoll[18] li l-appellanti ressqet it-Tweġiba Maħlufa tagħha fl-10 ta' Awwissu, 2011. Madankollu, it-Tweġiba Maħlufa nħalfet fid-9 ta' Awwissu, 2011. L-appellanti tgħid li ġara xi ħaġa li "għal xi raġuni t-timbru tal-Qorti qed jirrifletti mod ieħor", għaliex hija tisħaq li t-Tweġiba Maħlufa tressqet dakinhar li nħalfet. Kif sewwa tgħid Concorde fir-Risposta tagħha għall-ewwel aggravju, dak li jgħodd għas-siwi ta' att ġudizzjarju meta jkollu żmien li fih irid jitressaq huwa l-jum meta jitressaq, u mhux il-jum meta jinħalef. Minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża ċivili, għalhekk, it-Tweġiba Maħlufa tressqet wara ż-żmien. Minn dak il-waqt, l-appellanti kienet teknikament kontumaċi;

17. Meta l-avukat ta' Concorde ġibed l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili li dak l-att kien jidher li tressaq wara ż-żmien, l-Ewwel Qorti

---

[16] Paġ. 7 *tergo* tal-atti tal-kawża 572/11MCH
[17] Rik. Nru. 373/11SM
[18] Paġ. 9 tal-atti tal-kawża 572/11MCH

ma kellhiex għażla ħlief li tordna t-tneħħija tiegħu mill-atti tal-kawża. Minn dak il-waqt li ngħata l-ordni 'il quddiem, l-appellanti kienet formalment kontumaċi f'dik il-kawża. Il-verbal li jirreġistra dan l-ordni[19] juri wkoll li l-avukat tal-appellanti (li dakinhar deher waħdu għall-patroċinata tiegħu) talab li jitħalla jiġġustifika l-kontumaċja u din it-talba għamilha qabel ma l-Ewwel Qorti tat l-ordni tat-tneħħija tal-att. L-appellanti minn dakinhar 'il quddiem, ma talbitx li titħalla tressaq provi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. Minn eżami tal-atti, lanqas wara li appellat sewwasew minn dak id-digriet qatt ma ressqet talba biex titħalla turi li kellha raġuni tajba biex tneħħi l-kontumaċja tagħha jew li turi li l-bażi li fuqha ngħata d-digriet kien ħażin;

18. Din il-Qorti tqis li dan l-atteġġjament passiv tal-appellanti jiġġustifika għaliex kemm il-Qorti tal-Appell fil-kawża ċivili u kif ukoll l-ewwel Qorti f'din il-kawża qiesu li kien nuqqas tal-appellanti li ma seħqitx biex imqar titlob li titħalla tressaq il-provi biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. Din il-Qorti ma tqisx bħala raġuni tajba l-argument tal-appellanti li kien għalxejn u li hija kellha jdejha marbutin milli tressaq talba bħal dik minħabba l-mod kategoriku kif l-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili mmotivat ir-raġuni għat-tneħħija tat-Tweġiba Maħlufa. Dan jingħad għaliex il-motivazzjoni li fuqha ngħata l-ordni tat-tneħħija tat-Tweġiba mill-atti kienet tirrigwarda biss il-kostatazzjoni tat-tressiq tardiv tal-imsemmi att. Imkien

[19] Paġ. 10 tal-atti tal-kawża 572/11MCH

dak l-ordni ma għalaq il-bieb biex l-appellanti, fl-istat kontumaċjali li sabet ruħha fih dak il-ħin, ma tistax tressaq talba biex titħalla tressaq provi biex turi li ma kellhiex ħtija f'dik il-kontumaċja. L-appellanti dan kollu naqset li tagħrfu u issa qiegħda tilmenta li l-qrati ma tawx każ din il-ħsara li ġarrbet;

19. Minbarra dan, għalkemm huwa minnu li l-kwestjoni tat-tressiq wara ż-żmien tat-Tweġiba Maħlufa tqajmet l-ewwel darba fil-5 ta' Ottubru, 2011, dakinhar tal-ewwel dehra, l-atti tal-kawża kienu diġa` taw ħjiel ta' din iċ-ċirkostanza sa minn dakinhar li tressaq l-att. L-implikazzjoni li l-appellanti tqanqal dwar il-korrettezza tat-timbru li juri meta l-att tressaq fir-Reġistru kien jitlob sewwasew li l-istess appellanti tressaq provi li jiċċaraw din il-ħaġa. L-appellanti kellha l-jedd li titlob li tressaq provi dwar is-siwi tat-timbru tal-preżentata tar-Reġistru f'każ li kienet qiegħda ssostni li dak it-timbru kien qiegħed juri data b'oħra. Setgħet tressaq b'xhud lill-prokuratur legali li quddiemu nħalef l-att u li jidher li kien il-persuna li effettivament ressqet dak l-att fir-Reġistru. Minn dan kollu ma sar xejn, u għalhekk ma huwiex sewwa li l-appellanti titħalla ssejjes l-ilment tagħha ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq billi titfa' dell bl-għajta vaga li "ġara xi ħaġa" min-naħa tar-Reġistru tal-Qorti bla ma tissostanzja dak li tgħid. Il-Qorti tista' tobsor x'seta' ġara tassew f'dan il-każ, imma t-tbassir m'għandux is-saħħa ta' prova u lanqas se jkun ir-raġuni li fuqha din il-Qorti se tqis is-siwi tal-aggravju;

20. Din il-Qorti tqis ukoll li t-timbri u r-riferti li jidhru fuq atti ġudizzjarji jikkostitwixxu prova minnhom infushom u jippruvaw dak li jkun fihom sakemm ma jintweriex il-kuntrarju, għaliex jagħmlu parti essenzjali minn dawk l-atti[20]. Dan ifisser li jekk l-appellanti kellha prova li t-Tweġiba tagħha fil-kawża ċivili tressqet fiż-żmien, kien jaqa' fuqha li turi dan. Ladarba dan m'għamlitux, ma jista' jitqajjem l-ebda aggravju dwar il-mod kif il-Qorti fil-kawża ċivili u kif l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata waslu għall-istess fehma li l-appellanti naqset bi ħtija tagħha li tipprova li l-istat ta' kontumaċja tagħha ma kienx legali u mistħoqq. Lanqas ma jirriżulta li dik il-fehma hija frott ta' qari ħażin tal-provi jew tħaddim mhux raġonevoli tar-regoli tad-dritt li jimxu magħhom;

21. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju mhux mistħoqq u mhix sejra tilqgħu;

22. It-**tieni aggravju** jolqot aktar fil-qrib l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali li l-appellanti tgħid li ġarrbet minħabba li t-Tweġiba Maħlufa tagħha tneħħiet mill-atti tal-kawża ċivili u l-konsegwenzi li dan ġab miegħu. F'dan l-aggravju hija tfisser li, sa minn dak il-waqt li l-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili ordnat it-tneħħija tal-imsemmija Tweġiba, hija tneżżgħet mill-possibilita` li jkollha smigħ xieraq f'dak il-każ. Hija tgħid li wkoll kieku kien minnu li t-Tweġiba Maħlufa tagħha tressqet jum wieħed wara li

[20] Art 627(e) tal-Kap 12

għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi, dan ma kellux iwassal għal dak li ġara. It-tħaddim u t-tifsira li ngħataw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'dan il-każ fil-konfront tagħha kisrilha b'mod gravi u serju l-jedd tagħha għal smigħ xieraq u imparzjali u tal-principju tal-*audi et alteram partem*. Filwaqt li tisħaq li l-azzjoni tagħha ma kinitx maħsuba li tikkontesta l-kostituzzjonalita` tal-imsemmi Artikolu 158, l-appellanti tippreċiża li l-ilment tagħha huwa li dak l-artikolu jmissu jitħaddem minn qorti b'mod li jissalvagwardja u mhux inaqqar id-dritt ta' smigħ xieraq, kif fil-fatt tgħid li ġara fir-rigward tagħha fil-kawża ċivili. Iżżid tgħid li l-mod korrett u xieraq kif kellhom jitħaddmu d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu kellu jwassal biex l-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili tagħtiha '*a tempo vergine*' opportunita` li titħalla tfisser ir-raġunijiet għaliex it-Tweġiba Maħlufa tressqet jum wieħed biss wara ż-żmien li tagħti l-liġi, ukoll fid-dawl tal-fatt li dak l-att kien inħalef fiż-żmien. Tqabbel il-qagħda tagħha ma' każijiet oħrajn fejn tweġibiet maħlufa imressqa saħansitra xhur wara ż-żmien, tħallew jibqgħu fl-atti u fejn il-parti li ressqithom tħallliet tikkontesta l-kawża fis-sħiħ. L-appellanti tissottometti li, b'dak li ġara, hija sfat imċaħħda mill-jedd għal smigħ imparzjali, xieraq u għal aċċess għal qorti;

23. Dwar dan l-aggravju, l-appellat Avukat tal-Istat qal dak li kellu jgħid fis-sottomissjonijiet li bihom laqa' għall-ewwel aggravju billi rabathom flimkien;

24. Min-naħa tagħha, Concorde tfakkar li dan l-aggravju reġa' tqajjem minkejja li l-appellanti kienet aċċennat sew għalih fl-appell li hija kienet ressqet mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Appell kienet tat il-fehma tagħha dwar dak l-aggravju u sabet li kienet l-istess appellanti li ġabet b'idejha stess il-ħsara li tilmenta minnha, liema fehma dik il-Qorti tennietha fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni li l-appellanti fetħet ukoll wara l-għoti tas-sentenza fl-appell. Hija tgħid li l-appellanti ma ġarrbet l-ebda ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq bit-tneħħija tat-Tweġiba Maħlufa mill-atti tal-kawża ċivili, għaliex xorta waħda ngħatatilha aċċess għal qorti, ingħatat il-fakulta` li tressaq sottomissjonijiet qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza, kellha l-jedd li tappella minn dik is-sentenza, u nqdiet b'dawn il-fakultajiet kollha u saħansitra rrikorriet għall-proċedura straordinarja tar-ritrattazzjoni tal-appell. Fl-istess waqt, naqset għal kollox milli titlob lill-qrati li dehret quddiemhom li tingħata l-opportunita` li tressaq il-provi biex issaffi l-kontumaċja tagħha u llimitat ruħha biex titfa' dell fuq ir-Reġistratur tal-Qorti dwar meta tressqet it-Tweġiba maħlufa tagħha bla ma waslet biex laħħmet dawk l-allegazzjonijiet. Concorde ttemm tgħid li l-fatt waħdu li parti f'kawża taqa' kontumaċi ma jġibx miegħu awtomatikament il-ksur tal-jedd ta' dik il-parti għal smigħ xieraq, u ssemmi sentenzi li ngħataw fuq medda ta' snin biex issaħħaħ dan l-argument;

25. Il-Qorti tibda biex tqis jekk l-ordni tat-tneħħija tat-Tweġiba Maħlufa mogħti mill-Ewwel Qorti fil-kawża ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2011, jiksirx il-jedd fundamentali tal-appellanti għal smigħ xieraq. Ladarba ma nġabet l-ebda prova biex twaqqa' l-fatt li t-Tweġiba maħlufa tal-appellanti tressqet jum wara li kien għalqilha ż-żmien biex tagħmel dan, il-Qorti ssib li dik il-Qorti mxiet ma' dak li trid u tordna l-liġi[21]. Ladarba l-liġi tagħti żmien biex titressaq il-kontestazzjoni ta' kawża notifikata kif imiss lill-parti mħarrka[22], it-tressiq ta' dak l-att wara għeluq iż-żmien preskritt iġib miegħu raġuni għat-tneħħija ta' dak l-att, imqar jekk l-att ikun tressaq jum wieħed biss tard. Ir-regoli u dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponu ż-żmien għat-tressiq ta' atti ġudizzjarji jitqiesu ta' ordni pubbliku[23] u huma maħsuba li jiżguraw it-tmexxija tajba tal-proċess ġudizzjarju u joqogħdu mal-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt[24]. Sakemm il-ħarsien ta' dawk iż-żminijiet preskritti jitwettaq b'mod li jħalli lill-parti fil-kawża tinqeda b'rimedji proċedurali fejjieda, huwa saħansitra mistenni li dawk it-termini u r-regoli li joħorġu minnhom jitħaddmu u li l-partijiet fil-kawża jistennew li jitħaddmu[25]. Għalhekk, jekk l-ordni tat-tneħħija tal-att ma kienx u la bi ksur tal-liġi u lanqas wieħed restrittiv ta' rimedji oħrajn għall-appellanti f'dik l-istess kawża ċivili, allura din il-Qorti ssib li dak l-ordni ma kisirx il-

[21] App. Ċiv. **24.6.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Antonia Żammit noe v. Denise Caruana*** §16
[22] Art. 158(1) tal-Kap 12
[23] Kost. **27.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Gladys Sant Fournier et v. Il-Kummissarju tal-Art et*** §§23 – 4
[24] Q.E.D.B. **7.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Franco Buttiġieġ et v. Malta*** (Applik. Nru. 34491/12) §22
[25] Q.E.D.B. **25.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Miragall Escolano et v. Spanja*** (Applik. Nru. 38366/97 et) §33

jedd tal-appellanti għal smigħ xieraq. Lanqas ma ssib li kien il-frott ta' formaliżmu żejjed jew sproporzjonat. U jekk dak l-ordni ma kisirx dak il-jedd, din il-Qorti ma taqbilx li, għaldaqshekk biss, il-konsegwenzi tiegħu ġabu ħsara li twassal għall-ksur tal-jedd tal-appellanti għal smigħ xieraq;

26. Il-Qorti tgħaddi issa biex tqis jekk l-istat ta' kontumaċja li tqiegħdet fih l-appellanti wara li ngħata dak l-ordni ssarrafx fi ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq fil-kawża ċivili. Taħt din it-taqsima tat-tieni aggravju, l-appellanti tgħid li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq safejn il-kontumaċja tagħha ċaħħditha minn aċċess għal qorti u kif ukoll safejn, bit-tneħħija tat-Tweġiba, ma setgħetx tressaq provi u tiddefendi l-każ tagħha bl-istess mod li kellha Concorde;

27. Għal dak li jirrigwarda l-jedd ta' aċċess għal qorti, din il-Qorti ttenni li l-ħarsien u t-tħaddim xieraq ta' regoli proċedurali jew żminijiet stabbiliti mil-liġi mhux talli ma joħnoqx il-jedd għal smigħ xieraq, imma talli jevita li twarrab il-flessibilita` żejda li taf tkun kaġun ta' nuqqas ta' ċertezza ta' dritt fejn jidħol il-jedd għal aċċess għal qorti[26]. Meqjus fil-qafas tal-proċediment sħiħ ta' kawża, il-ħarsien għaqli tat-termini u l-limiti għat-tressiq ta' atti ġudizzjarja huwa garanzija ta' tmexxija korretta tal-każ[27].

[26] Kost. **18.7.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Sergio D'Amico noe v. L-Awtorit****à tax-Xandir et* §22
[27] Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. **17.7.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat v. Malta*** (Applik. Nru. 24197/10) §§ 42 – 3; Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Lay Lay Co Ltd v. Malta*** (Applik. Nru. 30633/11) §56; Q.E.D.B. (GC) **5.4.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Zubac v. Kroazja*** (Applik. Nru. 40160/12) §96; u Q.E.D.B. **13.4.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanni Canè et v. Malta*** (Applik. Nru. 24788/17) §23

Mela, minn dawn il-prinċipji għandu joħroġ li jekk kemm-il darba parti f'kawża taqa' kontumaċi minħabba li tkun naqset li tressaq att fiż-żmien mogħti lilha, u ma tkunx lanqas seħħilha ssafi dik il-kontumaċja billi ġġib 'il quddiem raġunijiet tajba li jiġġustifikaw dik it-tardivita`, dik il-qagħda ma tissarrafx f'ċaħda ta' jedd ta' aċċess għal qorti kif mifhum fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti żżid tgħid li għalkemm il-qagħda ta' kontumaċja mhux ġustifikata ġġib limitazzjonijiet fil-mod kif parti kontumaċi tmexxi l-każ tagħha, il-liġi tagħna xorta waħda tagħtiha rimedji proċedurali li biha tista' tfisser il-każ tagħha, u għalhekk jitħares dak il-jedd ta' aċċess għal qorti fid-determinazzjoni fil-mertu tal-każ. Dan kollu jħares il-prinċipju li l-kontumaċja mhijiex meqjusa bħala stqarrija jew ammissjoni tal-azzjoni attriċi, imma ta' kontestazzjoni għaliha u li titfa' fuq qorti li tkun il-piż li tqis sewwa l-każ u tagħmel ħaqq fl-aspetti sostantivi tal-każ li jkollha quddiemha;

28. Fil-kawża ċivili, l-appellanti nqdiet bir-rimedji proċedurali kollha li l-liġi tatha bħala parti kontumaċi f'dik il-kawża mhux biss fl-istadju tal-ewwel istanza, imma wkoll f'dak tal-appell. Mill-atti nfushom, jirriżulta wkoll li, bis-saħħa tar-rappreżentazzjonijiet li ressqet, kemm l-Ewwel Qorti u kif ukoll il-Qorti fi grad ta' appell taw widen tagħhom. Kif ingħad qabel, kien minħabba n-nuqqas tagħha li tiġġustifika l-kontumaċja tagħha li baqgħet sal-aħħar fl-istat kontumaċjali bir-riperkussjonijiet li dan ġab miegħu.

Imma din il-Qorti mkien ma tista' ssib li, b'hekk, l-appellanti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha ta' smigħ xieraq billi tneħħielha l-jedd ta' aċċess għal qorti;

29. Safejn l-aggravju tal-appellanti jrid li, minħabba l-istat ta' kontumaċja tagħha fil-kawża ċivili hija ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq għaliex ma ngħatatx trattament daqs il-kontro-parti (Concorde) u b'hekk instemgħet biss verżjoni waħda, din il-Qorti żżid ma' li għadha kemm qieset dwar dan l-aggravju. F'din it-taqsima tal-aggravju, l-appellanti tgħid li l-kontumaċja tagħha ġabet fix-xejn ir-regola li biex jingħata smigħ xieraq jeħtieġ li l-partijiet f'kawża jingħatawlhom opportunitajiet indaqs ("*equality of arms*") u l-fatt li hi ma kellhiex il-fakulta` li tressaq provi jew tagħmel kontro-eżamijiet tax-xhieda mressqa minn Concorde, kien biżżejjed biex ġab miegħu ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq;

30. Li kieku parti li taqa' kontumaċi f'kawża kellha titħalla tressaq xorta waħda l-provi tagħha, l-istitut tal-kontumaċja kien ikun għalxejn. Diġa` rajna li l-istitut tal-kontumaċja huwa determinat minn ċirkostanzi oġġettivi tan-nuqqas tal-preżenza tal-parti jew ta' tressiq f'waqtu tal-atti f'kawża. Id-diskrezzjoni li l-liġi tagħti lil qorti biex tneħħi dak l-istat ta' kontumaċja titnissel biss mill-isforzi li l-parti kontumaċi jseħħilha tagħmel biex issaffi l-qagħda tagħha fil-kawża. Fi kliem ieħor, it-tneħħija ta' stat bħal dak u t-treġġigħ lura ta' ekwilibriju mal-parti attriċi jiddependi biss mill-inizjattiva

tal-parti kontumaċi li tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. Il-Qrati fiż-żewġ istanzi tal-kawża ċivili u kif ukoll l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata taw il-fehmiet tagħhom dwar il-kawża ta' dan il-"*handicap*" li l-appellanti tilminta minnu u min ġabu b'idejh. Din il-Qorti ttenni l-qbil tagħha ma' dawk il-fehmiet bla ma ttawwal aktar. Għalhekk, jekk l-appellanti tqis li ma ngħatatx l-istess trattament fil-kawża ċivili li ngħatat Concorde, dan ġara b'għemil tagħha stess u fil-kontroll ta' kif għażlet li timxi f'dik il-kawża. Biex jintlaqa' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, il-ksur irid jiġi minn għemil jew ommissjoni ta' ħaddieħor u mhux tal-persuna mġarrba nnifisha;

31. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa mistħoqq;

32. It-**tielet aggravju** tal-appellanti ġej mill-fatt li l-Ewwel Qorti għabbietha bil-ħlas tal-ispejjeż ta' Concorde, meta dik il-parti kienet issejħet fil-kawża fuq talba tal-intimat Avukat tal-Istat. Hija tgħid li, fl-agħar ipoteżi, l-ispejjeż ta' Concorde kellhom jintrefgħu minn min sejħilha fil-kawża;

33. Għal dan l-aggravju, l-imsemmi intimat laqa' billi qal li huwa ma talab l-ebda sejħa fil-kawża, imma qajjem l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju billi l-appellanti ma kinitx ressqet din l-azzjoni kontra

Concorde ukoll. Jgħid li s-sejħa fil-kawża saret bis-saħħa ta' provvediment li l-ewwel Qorti tat fl-ewwel smigħ. Iżid li l-preżenza ta' Concorde fl-atti tal-kawża ma kinitx ħaġa kapriċċjuża, imma dettata mill-interess li hija għandha fl-eżitu ta' din il-kawża, billi l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali jinbena fuq kawża li fiha Concorde kienet waħda mill-partijiet u, fost ir-rimedji li l-appellanti talbet[28], hemm dak li l-partijiet jitqegħdu fl-istadju li kienu qabel inbdew l-imsemmija proċeduri fil-kawża ċivili;

34. Concorde twarrab dan l-aggravju wkoll billi tgħid li ma saret l-ebda talba għas-sejħa fil-kawża tagħha, imma kienet l-ewwel Qorti fil-kawża ċivili li dehrilha li dik is-sejħa kellha ssir fl-interess li l-ġudizzju jkun sħiħ. Ma' l-għoti ta' dak il-provvediment, l-intimat Avukat tal-Istat saħansitra l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju. Concorde tgħid li l-verbal juri li l-appellanti ma kkontestatx dik is-sejħa, imma qagħdet għall-ordni tal-Qorti;

35. Il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhux mistħoqq. Lil hinn mill-kwestjoni dwar min jew jekk saritx talba għas-sejħa fil-kawża ta' Concorde, dik is-sejħa kienet dettata mit-talbiet imressqa mill-appellanti. Jekk l-azzjoni tal-lum tinbena fuq is-siwi tal-proċediment fil-kawża ċivili u jekk wieħed mir-rimedji mitluba jitlob speċifikatament li "bl-uniku rimedju

[28] Jirreferi għar-raba' talba attriċi f'din il-kawża

effettiv jkun li jreġġa' lir-rikorrenti fl-istadju li kienu qabel inbdew il-proċeduri fuq imsemmija" f'dik il-kawża, kien jaqa' fuq l-appellanti li, sa mill-bidunett, messha daħħlet lil Concorde fil-kawża, imqar għal kull interess li jista' jkollha. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti rabtet lill-intimat Avukat tal-Istat bl-ispejjeż li jieħu ħsieb is-sejħa fil-kawża ta' Concorde, imma l-fatt jibqa' li dik is-sejħa kienet meħtieġa għall-għanijiet ta' ġudizzju sħiħ[29];

36. Minbarra dan, intwera li Concorde kellha kull interess li tkun parti fil-kawża għalkemm hija kienet tħallset kulma kien dovut lilha mill-appellanti taħt il-kawża ċivili. Dan jingħad għaliex, meta tressqet din il-kawża, kien għad hemm miexja l-kawża li l-appellanti kienet fetħet kontriha dwar l-istess appalt u kien fl-interess ta' Concorde li s-sentenza li ngħatat kontra l-appellanti fil-kawża ċivili ma titħassarx, minkejja li l-appellanti ma kinitx tqis li Concorde kienet il-kawża tal-ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq f'dawk il-proċeduri. Fil-liġi, parti msejħa fil-kawża titqies daqslikieku kienet parti mħarrka sa mill-bidunett. Fl-aħħarnett, ladarba l-Ewwel Qorti sabet li l-azzjoni attriċi u t-talbiet hemm magħmula ma kinux mistħoqqa, il-konsegwenza hi li l-parti t-telliefa terfa' l-kap tal-ispejjeż[30];

---

[29] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cassar Torregiani et v. Avukat Ġenerali et***; Kost. **27.5.23016**fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Farruġia et v. Avukat Ġenerali et***

[30] Art. 223(1) tal-Kap 12

37. Għalhekk, dan l-aggravju mhux qiegħed jintlaqa' għaliex mhux mistħoqq;

***Decide:***

38. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt għaliex ma ntweriex li ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, u għalhekk tikkonfermaha għal kollox, bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Joseph R Micallef | Anthony Ellul |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr